MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Numru. 736/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anthony Portelli u**
**Spettur Anthony Agius]**

**Vs**

**-omissis-**
**Joanne Ellul**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Joanne Ellul detentrici tal-karta tal-identita` numru 149278M.

Akkuzata talli

f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Mejju 2011 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li

jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

gewwa Rahal Gdid f'xi zmien matul ix-xhar ta' Mejju 2011 u fix-xhur ta' qabel, ikkommettiet serq ta' diversi ornamenti minn 'il fuq minn mitt qabar li jinsabu gewwa c-cimiterju tal-Addolorata, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi 2,329.37 Ewro, u dan ghad-dannu ta' diversi persuni;

talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioè hsara f'diversi oqbra u affarijiet ohra gewwa c-cimiterju tal-Addolorata, liema hsara taccedi 116.47 Ewro u dan sar ghad-dannu ta' diversi persuni;
talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi imsemmija hawn fuq dahlu fic-cimiterju tal-Addolorata minghajr il-permess tal-persuna jew persuni inkarigati minn dawn ic-cimiterji;

Lil Ronald Azzopardi wahdu talli f'xi zmien matul ix-xhar ta' April 2011 ikkommetta serq ta' diversi ornamenti minn diversi oqbra li jinsabu gewwa c-cimiterju tal-Gudja, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi 232.94 Ewro, u dan ghad-dannu ta' diversi persuni;

Talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi ghamlu hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioè hsara f'diversi oqbra gewwa c-cimiterju tal-Gudja liema hsara taccedi 116.47 Ewro u dan sar ghad-dannu ta' diversi persuni;

Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi imsemmija hawn fuq dahal fic-cimiterju tal-Gudja minghajr il-permess tal-persuna jew persuni nkarigati minn dawn ic-cimiterji;

Lil Joanne Ellul wahidha talli kissret il-provediment ta' sentenza ta' tlett (3) xhur prigunerija sospiza ghal sentejn moghtija lilha fl-10 ta' Dicembru, 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Joseph Apap Bologna LLD, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Talli kissret il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilha fit-28 ta' Settembru 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LLD, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U aktar talli rrendit ruhha recediva ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha.
Rat il-fedina penali tal-imputata li hija wahda rerattarja.
Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Ottubru 2011 kien hemm is-separazzjoni tal-gudizzju tal-akkuzati Joanne Briffa u Ronald Azzopardi fejn dan tal-ahhar ammetta l-akkuzi kontrih u inghata d-debita sentenza.

Rat illi l-imputata Joanne Ellul ammettiet l-akkuzi kif dedotti kontriha b'verbal tas-sittax (16) ta Jannar 2012.

Rat ir-rapport tal-Probation Officer Maryanne Zammit immarkat bhala Dokument MZ1.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(b) u 28 A u B, 49, 50, 289, 162, 163, 278(1) u (2), 325 (i)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputata Joanne Ellul hatja tal-akkuzi kollha u tikkundannha erba' (4) snin u xahrejn (2) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------